**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 919/21 LC

**MICHAEL ANGELO BRIFFA (K.I. 523747M)**
**JOSEPH BRIFFA (K.I. 987545M)**
**CARMELO BRIFFA (K.I. 304451M)**
**MARIA CONCETTA MART ROBERT DONEO (K.I. 265352M)**
**TARCISIO BRIFFA (K.I. 763353M)**

**VS**

**ANTHONY ZERAFA (K.I. 127672M)**
**CARMEL ZERAFA (K.I. 637345M)**
**RAYMOND ZERAFA (K.I. 688857M)**

**AWTORITÀ TAD-DJAR**

Illum, 8 ta' Marzu 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Michael Angelo Briffa et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiddikjara u Jiddeciedi illi l-intimati Anthony Zerafa (K.I. 127672M); Carmel Zerafa (K.I. 637345M); Raymond Zerafa (K.I. 688857M) huma l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 83, Triq

il-Kuncizzjoni, Zurrieq, u jikkwalifikaw bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kera tal-Bini u l-Att dwar id-Djar kif emendat bl-Att XXIV tal-2021.

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Anthony Zerafa (K.I. 127672M); Carmel Zerafa (K.I. 637345M); Raymond Zerafa (K.I. 688857M) fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tal-2020.

3. Jiddikjara u Jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 83, Triq il-Kunċizzjoni, Żurrieq, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

4. Jordna, f'każ illi l-intimati Anthony Zerafa (K.I. 127672M); Carmel Zerafa (K.I. 637345M); Raymond Zerafa (K.I. 688857M) ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kaptital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimati mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tat-18 ta' Jannar 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu japprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien unici tal-fond;
(ii) l-atturi għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjoni causa mortis tad-defunt Antonio Briffa (iii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (v) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati Anthony Zerafa, Carmel Zerafa u Raymond Zerafa tal-1 ta' April 2022 fejn sommarjament, eċċepixxa li:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto stante li huma infondati fil-fatt u fid-drittu u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

2. Fl-ewwel, l-intimati dejjem onoraw l-kundizzjonijiet li bihom l-istess propjetà imsemmija ċioè l-fond enumerat bin-numru tlieta u tmenin (83), Triq il-Kunċizzjoni, iż-Żurrieq, ingħatat lilhom b'titolu ta' kera, kif ukoll l-ammont ta' kera pagabbli lir-rikorrenti huwa ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Att X tal-2009 li jipprovdi għall-awmenti fil-ħlas pagabbli bhala kera lis-sidien skond l-għoli tal-ħajja;

3. Illi l-intimati huma tabilħaqq l-inkwilini tal-fond de quo u jikkwalifikaw bħala "kerrej" ta' dar ta' abitazzjoni abbażi tat-tifsira mogħtija lil dan it-terminu fl-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021 u dan għaliex l-intimati jissodisfaw l-kriterji stipulati fis-sub-Artikolu (a) (i) tal-istess Artikolu 2 minħabba l-fatt li l-

intimati huma tabilħaqq rikonoxxuti bħala kerrejja abbażi ta' liġi fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 2021, ċioè permezz ta' Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ma jirrizulta minn imkien li kien hemm xi theddida imminenti u attwali li sfurzat lill-rikorrenti li jagħti dan il-fond b'kiri (vide **Frances Montanaro et vs Avukat Generali et**) deċiża nhar it-13 ta' April 2018 mill-Qorti Kostituzzjonali) lill-intimati u filfatt kien hemm diversi toroq li r-rikorrenti seta' jagħżel dak iż-żmien, inkluż li ibiegħ il-fond;

5. Bla ħsara għas-suespost, l-eccipjenti jirrilevaw li z-zieda ta' 2% mitluba mir-rikorrenti ma hijiex tassattiva iżda diskrezzjonali ghal dan ir-rispettabli Bord, tant illi l-Artikolu 4A(2) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li ż-żieda fil-kera 'ma jeċċedix' tali ammont u kwindi jista' jkun inqas;

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost l-fond de quo sarulu diversi benefikati mill-istess inkwilini, u kwindi l-valur lokatizju u anki l-valur fis-suq tal-istess fond żdied bl-opra tal-istess intimati. Kwindi, dato ma non concesso li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu li ghandu jordna żieda fl-ammont pagabbli bħala kera hekk kif qiegħed jiġi mitlub fir-rikors promotur, tali benefikati għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni minn dan l-Onorabbli Bord fil-kalkolazzjoni tal-istess ammont pagabbli da parti l-intimati;

7. Bla preġudizzju għas-sueċċepit, u kif se jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-intimati jissodisfaw u jikkwalifikaw ghat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu

1622A tal-Kodiċi Ċivili u dan stante illi huma pensjonanti u ma għandhom l-ebda propjetà oħra jew assi kapitali li jissuperaw il-limitu stabbilit fil-liġi. Għaldaqstant, l-intimati huma persuni li jimmeritaw l-protezzjoni soċjali biex ikollhom akkomodazzjoni adegwata u xierqa għad-dinjità tagħhom;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jiġu trattati fil-mori tal-kawża;

Bl-ispejjez u bl-inġunzjoni tar-rikorrenti minn issa għas-subizzjoni.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tal-10 ta’ Dicembru 2021 fejn l-intimat wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, il-Perit Edwin Mintoff u l-Perit Reuben Sciortino, senjatament ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta, ir-rikorrenti akkwistaw il-fond de quo tramite s-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom Antonio Briffa u Giuseppa Briffa. Permezz ta' żewġ testmenti *unica charta* redatti fl-atti tan-Nutar Nicola Said fl-1 ta' April 1955 u fit-12 ta' Awwissu 1969, id-dante causa tar-rikorrenti innominaw lir-rikorrenti bħala eredi universali tagħhom u propjetarji assoluti tal-beni tagħhom. Illi Antonio Briffa miet fis-16 ta' Mejju 1972 filwaqt li ommhom Giuseppa Briffa mietet fl-14 ta' Settembru 1988.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond *de quo*;

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo ilu mikri lill-ġenituri tal-intimati, senjatament Pawlu u Giuseppa Żerafa għal dawn l-aħħar tmenin sena bil-kera miżera ta' Lm6.00 li jitħallsu kull 15 ta' Awwissu ta' kull sena. Illum-il ġurnata, il-kera għoliet għal €210 fis-sena.

Illi madanakollu, l-intimati Anthony Zerafa u Raymond Zerafa xeħdu illi huma ma jirrisjedux f'dan dan il-fond u huwa ħuhom Carmel Żerafa li jirrisjedi hemm. Huma jmorru f'dan il-fond biss sabiex jagħtu s-support meħtieġ lil ħuhom Carmel Zerafa.

Illi fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet magħmulha, il-Bord huwa sodisfatt illi li l-intimat Carmel Żerafa huwa effettivament l-inkiwlin tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat Carmel Zerafa kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat Carmel Zerafa ma jeċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni huwa dar residenzjali b'footprint pjuttost imdaqqsa. Ir-residenza hi mifruxa fuq sular wieħed u tinkludi l-bejt u l-arja. Għandha kobor superfiċjali ta' 235 metru kwadru. Il-fond ilu mibni aktar minn ħamsin sena.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkunsidraw il-fatturi kollha imsemmija fir-rapport tagħhom kif ukoll wara li għamlu eżerċizzju komparattiv ma'

propjetajiet simili, u ħadu in konsiderazzjoni l-fatturi relevanti, jistmaw il-propjetà kif deskritta bħala libera u franka, fuq is-suq ħieles fl-1 ta' Jannar 2021 fl-ammont ta' ħames mija u sittin elf Ewro (€560,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 1.8% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' għaxart' elef u tmenin Ewro (€10,080) fis-sena.

**Deċide:**

---

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' in parte l-ewwel talba u jiddikjara illi Carmel Zerafa huwa l-inkwilin tal-fond 83, Triq il-Kunċizzjoni, Żurrieq u jillibera lil Anthony Zerafa u Raymond Zerafa mill-osservanza tal-ġudizzju stante li m'humiex l-inkwilini tal-fond de quo;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 83, Triq il-Kunċizzjoni, Żurrieq għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 1.8% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Carmel Zerafa għal-ammont ta' għaxart' elef u tmenin Ewro (€10,080) fis-sena u jordna lill-istess intimat jibda' jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante li l-intimat jissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**